MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2008

Numru 808/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Matthew Camilleri**

\- **OMISSIS -**
\- **OMISSIS -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Matthew Cammilleri ta' 21 sena mwieled Pieta nhar it-16 Ta' Novembru 1986 bin Joseph Emmanuela nee' Montebello residenti gewwa 313 Paradise Flats No 2 Upper St Albert Street Gzira detentur ta karta tal-identita nru 529286M.

- OMISSIS –

U

- OMISSIS –

U gie akkuzat talli nhar it-30 ta’ Awissu 2008 ghall-habta ta’ 00.40am gewwa Triq il- Kbira San Guzepp Hamrun ittenta li jikkometti serq ta’ ogetti min gewwa il- fond Bel Gusto a detriment ta’ Kevin Azzopardi mill-Hamrun liema serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-Volonta tal-Imptat u dan ai terminu tal-artikolu 41(a), liema attentat ta serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, u bil-hin u dan ai terminu tal-artikolu 261, 263, 270, 279, 281 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar akkuzat talli wara li kien diga gie ikkundannat f’Malta ghall-serq, instab fill- ussess tieghu ghodod, li ma kienux tal-Kundizzjoni tieghu minghajr ma tagha rendikont sodisfacenti ta jew kif gew legittimamanet ghandu, liema ghodod huma tajbin ghall ftuh jew sgassar u dan ai terminu tal-artikolu 287 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba titratta ma l-imputati Matthew Camilleri u – OMISSIS – bhala li irrendew ruhom ricedivi b’diversi sentenzi tal-Qorti Tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenzi saru definitivi u dan ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli l-istess Matthew Camilleri u – OMISSIS – talli kisru il-kundizzjonijiet tal- Onorabbli Qorti imposti fuqhom mill-Onorabbli Qorti u talli ikkomettew reat waqt l-operat ta’ Sentenzi sospizi b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Ta Malta liema sentenzi saru definittivi.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MTP1 u nnutat li l-imputat Matthew Camilleri m’ghandux

oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna iddikjara illi, wara li kellu okkazzjoni jivvizjona l-kopja tas-Sentenza markata bhala Dok MCP1 esebita llum permezz ta’ Nota, inkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Matthew Camilleri, jidher car li mill-imsemmija kopja ta’ Sentenza, illi l-ksur tas-Sentenza sospiza kif indikata fl-imsemmija l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Matthew Camilleri gie provdut ghaliha fl-imsemmija Sentenza esebita u ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Matthew Camilleri.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat Matthew Camilleri, fil-presenza tal-avukati difensuri tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ahhar akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Matthew Camilleri bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Matthew Camilleri, fil-presenza tal-avukati difensuri tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ahhar akkuza.
L-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. Arthur Azzopardi ghall-imputat Josef Borg iddikjara li l-imsemmi imputat m’ghandux oggetti fost l-oggetti esebiti llum mill-Prosekuzzjoni bhala Dok SNG1 u li l-Qorti, jekk jidhrilha opportun tordna l-konfiska taghhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Matthew Camilleri l-artikoli 17, 23, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b), (c) u (f), 263, 267, 270,

278(3), 279, 280(2), 281, 287 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Matthew Camilleri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ahhar akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tikkundanna lill-imsemmi imputat Matthew Camilleri ghall-piena komplessiva ta’ seba’ (7) xhur prigunerija.

Rigward l-ahhar akkuza migjuba fil-konfront tal-imsemmi imputat Matthew Camilleri, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Matthew Camilleri.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti bhala Dok. SNG1.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------